# Beati u Qaddisin....Gunju

## 19 ta' Gunju
## Santa Guljana Falconieri Vergni

Guljana Falconieri, twieled ghal-habta tas-sena 1270 u gejja minn familja nobbli fejn il-qdusija kienet mhawla sewwa fid-dar taghhom, Zijuha minn naha ta' missierha huwa wiehed mis-seba' fundaturi tas-Servi ta' Marija.



Hija segwiet l-ezempju tieghu u libset il-mant iswed tas-Servi ta' Marija, wara li ghexet sa' l-eta ta' erbatax il-sena fid-dar bhala terzjarja u bil-qalb taghha distakkata minn kull ambizzjoni u vanita' li iz-zaghzagh ta' zmienha kienu jigru warajhom. Maghha inghaqdu xebbiet ohrajn u flimkien waqqfu monasteru fejn kienu jghixu hajja l-aktar dixxiplinata u moghtija ghall-penitenzi kbar. Kienu jsumu l-Erbgha u l-Gimgha ta' kull gimgha filwaqt li is-Sibt kienu jikkuntenaw lilhom infushom bil-hobz u ilma biss. Fil-granet kollha huma kienu jghaddu hafna zmien fit-talb u l-meditazzjoni fuq id-duluri ta' Marija Ssma. Kienet ir-risposta nisranija ghal mod kif in-nies ta' Firenze kienu jghaddu hajjithom, fost il-glied u mibgheda. Guljana iddirigiet il-kunvent ghal aktar minn erbghin sena.

Fl-ahhar granet ta' hajjitha hija kienet qed issofri minn ugiegh fl-istonku li impediha li tircievi is-sagrament ta' l-Ewkaristija. Talbet allura li jqieghdulha l-ostja kkonsagrata fuq sidirha. Filwaqt li qalet il-kelmiet, " Helu tieghi Gesu', Marija" l-ostja ghebet. U fuq sidirha baqghet il-marka vjola bhallikieku l-ostja halliet l-impronta taghha. Giet beatifikata fis-sena 1678 u saret qaddisa fis-sena 1737.